

7.9.2016

A8-0184/ 001-006

**EMENDI 001-006**

mill-Kumitat għall-Industrija, ir-Riċerka u l-Enerġija

**Rapport**

**Barbara Kappel**

**A8-0184/2016**

L-istatistika Ewropea tal-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku

Proposta għal regolament (COM(2015)0496 – C8-0357/2015 – 2015/0239(COD))

---

**Emenda 1**

**Proposta għal regolament**

**Premessa 20**

*Test propost mill-Kummissjoni*

*Emenda*

*(20) Sabiex tinżamm il-kwalità għolja tad-dejta fornuta mill-Istati Membri, is-setgħa biex jiġu adottati l-atti f'konformità mal-Artikolu 290 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea għandha tiġi delegata lill-Kummissjoni, bil-ħsieb li jiġu aġġustati l-livelli limiti li jistgħu japplikaw għas-suq tal-gass naturali. Huwa partikolarment importanti li l-Kummissjoni twettaq konsultazzjonijiet xierqa matul ix-xogħol preparatorju tagħha, inkluż fil-livell tal-esperti. Il-Kummissjoni, fit-tħejjija u t-tfassil tal-atti delegati, għandha tiżgura trażmissjoni simultanja, f'waqtha u xierqa tad-dokumenti rilevanti lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

*imħassar*

## Emenda 2

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 1

*Test propost mill-Kummissjoni*

(1) L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema tal-ġbir u l-kompilazzjoni tad-dejta **tkun rappreżentattiva**.

*Emenda*

1. L-Istati Membri għandhom jiżguraw li s-sistema tal-ġbir u l-kompilazzjoni tad-dejta **fis-seħħ tipprovdi dejta komprensibbli u kumparabbli ta' kwalità għolja li tirrappreżenta l-prezzijiet tal-gass naturali u tal-elettriku**.

## Emenda 3

### Proposta għal regolament Artikolu 4 – paragrafu 3

*Test propost mill-Kummissjoni*

(3) **Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa tadotta atti delegati f'konformità mal-Artikolu 10, filwaqt li tikkunsidra x-xejriet ekonomiċi u tekniċi, li jikkonċernaw l-aġġustament tal-livell limitu.**

*Emenda*

**imħassar**

### *Ġustifikazzjoni*

*L-atti delegati ma japplikawx f'dan il-każ, peress li huma xierqa biss jekk l-att huwa "att mhux leġiżlattiv ta' applikazzjoni ġenerali", filwaqt li mhux permess li jkun hemm bidla konkreta tat-test tar-Regolament permezz ta' att delegat.*

## Emenda 4

### Proposta għal regolament Artikolu 7 – paragrafu 5

*Test propost mill-Kummissjoni*

(5) Meta l-Kummissjoni (Eurostat) tidentifika anomaliji statistikament sinifikanti jew inkonsistenzi fid-dejta fornuta, tista' titlob lill-awtoritajiet nazzjonali għal tqassim xieraq tad-dejta kif ukoll il-metodi tal-kalkolu jew tal-

*Emenda*

5. Meta l-Kummissjoni (Eurostat) tidentifika anomaliji statistikament sinifikanti jew inkonsistenzi fid-dejta fornuta, tista' titlob lill-awtoritajiet nazzjonali għal tqassim xieraq tad-dejta kif ukoll il-metodi tal-kalkolu jew tal-

evalwazzjoni li fuqhom tkun ibbażata d-dejta fornuta, sabiex issir valutazzjoni tad-dejta u, jekk ikun hemm bżonn, titlob li kwalunkwe dejta jew informazzjoni meqjusa skorretta tiġi emendata u sottomessa mill-ġdid mill-Istat Membru konċernat.

## Emenda 5

### Proposta għal regolament Artikolu 8

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tid-dissemina l-istatistika tal-prezzijiet tal-gass naturali u l-elettriku mhux aktar tard minn **ħames** xhur wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' referenza.

## Emenda 6

### Proposta għal regolament Artikolu 10

#### *Test propost mill-Kummissjoni*

#### *Artikolu 10*

#### *Eżerċizzju tad-delega*

**(1) Is-setgħa tal-adozzjoni tal-atti delegati hija mogħtija lill-Kummissjoni soġġett għall-kundizzjonijiet stabbiliti f'dan l-Artikolu.**

**(2) Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 4(3) għandha tingħata għal perjodu ta' żmien mhux determinat minn [xx-xx-xxx] 'il quddiem.**

**(3) Id-delega tas-setgħat imsemmija fl-Artikolu 4(3) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe mument mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni li tirrevoka għandha ttejjem id-delega ta' setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Għandha ssir effettiva l-għada tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni f'Il-Ġurnal**

evalwazzjoni li fuqhom tkun ibbażata d-dejta fornuta, sabiex issir valutazzjoni tad-dejta u, jekk ikun hemm bżonn, titlob li kwalunkwe dejta jew informazzjoni meqjusa skorretta tiġi **korretta jew** emendata u **mbaġħad** sottomessa mill-ġdid mill-Istat Membru konċernat.

#### *Emenda*

Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tid-dissemina l-istatistika tal-prezzijiet tal-gass naturali u l-elettriku mhux aktar tard minn **tliet** xhur wara t-tmiem ta' kull perjodu ta' referenza.

#### *Emenda*

#### *imħassar*

*Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea jew f'data aktar tard speċifikata hemmhekk. Ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkun diġà fis-seħħ.*

*(4) Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha tinnotifikah simultanament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.*

*(5) Att delegat adottat skont l-Artikolu 4(3) jidħol fis-seħħ biss jekk ma tiġix espressa oġġezzjoni mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill fi żmien xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew jew lill-Kunsill jew jekk, qabel ma jiskadi dak il-perjodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn li huma informaw lill-Kummissjoni li mhumiex se jrin joġġezzjonaw. Dak il-perjodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.*